

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 2010 — Nestlé vs UASI — Master Beverage Industries (Golden Eagle u Golden Eagle Deluxe)

(Kawżi magħquda T-5/08 sa T-7/08) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade marks Komunitarji figurattivi Golden Eagle u Golden Eagle Deluxe — Trade marks internazzjonali u nazzjonali figurattivi preċedenti li jirrappreżentaw kikkra u kafeni — Raġuni relattiva għal rifjut — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”

(2010/C 134/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Société des produits Nestlé SA (Vevey, l-Isvizzera) (rappreżentant: A. Von Mühlendahl, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: R. Pethke, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Master Beverage Industries Pte Ltd (Singapor, Singapor) (rappreżentanti: N. Clarembaux, D. Vervaeet u P. Maeyaert, avukati)

Suġġett

Rikorsi ppreżentati kontra tliet deċiżjonijiet tat-Tieni Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI tal-1 ta’ Ottubru 2007 (Każijiet R 563/2006-2, R 568/2006-2 u R 1312/2006-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Société des produits Nestlé SA u Master Beverage Industries Pte Ltd.

Dispożittiv

- (1) Id-deċiżjonijiet tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-1 ta’ Ottubru 2007 (Każijiet R 563/2006-2, R 568/2006-2 u R 1312/2006-2) għandhom jiġu annullati.
- (2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- (3) L-UASI u Master Beverage Industries Pte Ltd għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, l-ispejjeż sostnuti minn Société des produits Nestlé SA.

⁽¹⁾ ĠU C 64, 08.03.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2010 — 2nine vs UASI — Pacific Sunwear of California (nollie)

(Kawża T-363/08) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva nollie — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti NOLI — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta’ xebh tal-prodotti — Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Artikolu 74(1) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009)”

(2010/C 134/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: 2nine Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: S. Palmer, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: D. Botis, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Pacific Sunwear of California, Inc. (Anaheim, California, l-Istati Uniti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta’ Ġunju 2008 (Każ R 1590/2007-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn 2nine Ltd u Pacific Sunwear of California, Inc.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) 2nine Ltd hija kkundannata kemm għall-ispejjeż tagħha, kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

⁽¹⁾ ĠU C 272, 25.10.2008.